# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2019**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 284/2010**

**Paul Busuttil u Mario Busuttil**
***v.***
**Alfred Muscat**

1. F'din il-kawża l-atturi kienu talbu l-iżgumbrament tal-konvenut minn xagħra li kienet mikrija lilu sakemm, kif igħidu l-atturi, il-kiri ntemm billi l-atturi taw *congedo*. Il-konvenut kien ressaq eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *ratione materiæ*. Din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'sentenza preliminari mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2011. B'sentenza oħra tal-20 ta' Marzu 2013 l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut, laqgħet it-talba tal-atturi u ordnat l-iżgumbrament tal-konvenut.

2. Il-konvenut appella b'rikors tat-2 ta' April 2013 li għalih l-atturi wieġbu, b'appell inċidentali, fit-18 ta' April 2013.

3. Fost l-aggravji tal-appell tal-konvenut hemm dak illi "l-qorti waslet għad-deċiżjoni żbaljata dwar il-kompetenza", kif ukoll aggravji fil-meritu. Imbagħad, it-talba għat-tħassir tas-sentenza (jew tas-sentenzi, għax l-aggravji tal-appell jolqtu kemm is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2011 kif ukoll dik tal-20 ta' Marzu 2013) saret hekk:

   »Għaldaqstant dina l-onerabbli qorti hija mitluba li tħassar, tirrevoka u tannula s-sentenza appellata fejn għandha tiċħad it-talba tal-appellati u tilqa l-eċċezzjonijiet tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.«

4. Dwar x'għandu jkun fih rikors ta' appell, l-art. 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili igħid hekk:

   »**143.** (1) Ir-rikors għat-tħassir tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata flimkien ma' raġunijiet dettaljati li għalihom ikun qiegħed isir l-appell u fih għandu jintalab li dik it-talba tiġi milqugħa jew miċħuda.«

5. Ir-rikors tal-appell tal-konvenut ma sarx kif trid il-liġi, tant illi ma huwiex ċar jekk l-appel huwiex biss mis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2011 jew minn dik tal-20 ta' Marzu 2013, jew ukoll mit-tnejn, għalkemm it-talba hija għat-tħassir "tas-sentenza appellata" (bla ma tgħid liema) u mhux għat-tħassir "tas-sentenzi".

6. F'każ ta' nuqqas bħal dan, l-art. 143(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi illi:

   »**143.** (5) In-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ skont is-subartikolu (1) … ma jagħmilx null ir-rikors; iżda, f'kull każ bħal dan, il-qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jippreżenta, fi żmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa mil-liġi u li ma jkunux inġiebu regolarment fir-rikors.«

7. Il-qorti għalhekk b'dikriet mogħti waqt is-seduta tat-13 ta' April 2013 ordnat lill-konvenut appellant sabiex fi żmien jumejn jippreżenta nota

bil-partikolaritajiet meħtieġa kif irid l-art. 143(5). Għalkemm dan iż-żmien iġġedded aktar minn darba, il-konvenut sallum baqa' ma għamilx dak li kellu jagħmel.

8. Tassew illi l-art. 143(5) igħid illi "n-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ skont is-subartikolu (1) … ma jagħmilx null ir-rikors". Madankollu, ir-rikors ma jitqiesx null jekk l-appellant jagħmel dak li jgħid u jrid l-istess art. 143(5), u mhux jekk ma jagħmel xejn. Fin-nuqqas – bħal ma ġara fil-każ tallum – igħodd dak li jgħid l-art. 789(1) tal-istess Kodiċi, li jqis li att ġudizzjarju jkun null "jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi". Tassew illi dak l-artikolu jkompli jgħid illi ma jkunx hemm nullità jekk in-nuqqas ikun jista' jissewwa taħt xi disposizzjoni tal-liġi, bħal ma hija d-disposizzjoni tal-art. 143(5). Madankollu, meta l-opportunità biex jissewwa n-nuqqas tkun ingħatat, u ngħatat aktar minn darba, għalxejn, quddiem l-inerzja tal-appellant u l-ostinazzjoni tiegħu li jonqos milli jagħmel dak li kellu jagħmel lill-qorti ma jifdlilhiex triq oħra ħlief li ttemm l-istat ta' stall billi tiddikjara n-nullità tal-appell ewlieni; mod ieħor tkun qiegħda tonqos mid-dmir li tagħti lill-parti l-oħra smigħ fi żmien xieraq.

9. Il-qorti għalhekk tqis li r-rikors tal-appell ma jiswiex, u ma tqisx aktar l-appell ewlieni.

10. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali, li sar minn dikriet li kien ċaħad talba tal-atturi biex jitneħħew mill-inkartament xi ritratti esebiti minn xhud tal-konvenut. Tassew illi f'dan l-istadju l-kwistjoni mqanqla fl-

appell inċidentali hija akkademika, iżda għall-għanijiet tal-ispejjeż il-qorti xorta jkollha tqis l-appell.

11. L-appell inċidentali mid-dikriet ġie mfisser hekk:

> »… … …ġjaladarba bis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ottubru 2011 l-ewwel qorti kienet hemm iddeterminat li r-raba' kien wieħed xagħri u in kwantu tali kien jattira l-kompetenza tagħha, dik l-istess qorti ma setgħetx imbagħad la tirċievi dokumenti u lanqas tippermetti x-xiehda tal-imsemmi Rodney Bugeja fuq l-allegat fatt ta' xi attività agrikola fuq l-art. F'dan il-kuntest, l-appellati jenfasizzaw illi l-qorti ma setgħetx tindetreġġja lura minn dak il-ġudizzju tagħha referibbilment għall-kompetenza.«

12. Il-premessa tal-appell inċidentali hija żbaljata. Għalkemm huwa minnu illi fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2011 l-ewwel qorti qalet li l-art ma hijiex raba', din id-dikjarazzjoni saret għall-għanijiet tal-kompetenza, li hija determinata mit-talbiet. Is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2011 ma kinitx dwar jekk l-art hijiex raba' jew le iżda biss dwar kompetenza, *viz.* dwar jekk it-talba kinitx għal żgumbrament minn xagħra. Għalhekk ma hemm ebda deċiżjoni li trbot dwar in-natura tal-art. Fil-fatt imbagħad fis-sentenza tal-20 ta' Marzu 2013 l-ewwel qorti kompliet fissret is-sitwazzjoni hekk:

> »Illi l-atturi fin-nota tagħhom jgħidu fost affarijiet oħra li l-qorti ġà ppronunzjat ruħha li l-art hija xagħri fis-sentenza preliminari tagħhom [*recte*, tagħha]. Dan mhux eżatt għaliex il-qorti dakinhar iddeċidiet fuq il-kompetenza tagħha li neċessarjament tiddependi fuq it-talbiet attriċi … … …

13. Xorta għalhekk, għall-għanijiet tal-meritu tal-kawża, kellha ssir il-prova dwar jekk l-art hijiex raba' jew xagħri. Li kieku ma saritx il-prova,l-azzjoni kienet tfalli, mhux minħabba nuqqas ta' kompetenza iżda għax ma tkunx saret l-prova illi l-art hija tassew xagħri.

14. Barra minnhekk, ukoll li kieku tassew l-ewwel qorti kienet iddikjarat b'mod li jorbotha li l-art hija xagħri, dik id-dikjarazzjoni kienet torbot lill-ewwel qorti u mhux ukoll lil din il-qorti, u għalhekk kull element ta' prova li juri jekk id-dikjarazzjoni tal-qorti li sar appell minnha kinitx korretta jew le kien ikun relevanti għall-għanijiet tad-determinazzjoni li tkun trid tagħmel din il-qorti, u għalhekk tkun ammissibbli.

15. L-appell inċidentali huwa għalhekk miċħud.

16. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell ewlieni billi tqisu null u tiddisponi mill-appell inċidentali billi tiċħdu.

17. L-ispejjeż tal-appell ewlieni jħallashom il-konvenut u dawk tal-appell inċidentali jħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr